VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,482, 6 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 324 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għaċ-Ċibernetika Biomedika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru għaċ-Ċibernetika Biomedika bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għaċ-Ċibernetika Biomedika.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru għaċ-Ċibernetika Biomedika;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2015 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad għandhom ikollhom dawn il-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Master, normalment minn din l-Università jew università oħra, f'qasam ta' studju rilevanti għal dak li japplikaw għalih, miksub wara li jkunu temmew kwalifika tal-ewwel ċiklu; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery; jew

(c) il-grad ta' Master of Dental Surgery; jew

(d) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti jew ogħla mill-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) hawn fuq.

4. Meta jqis neċessarju, il-Bord jista' jeħtieġ li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju matul il-kors l-istudji tagħhom, u/jew li jagħmlu xogħolijiet, b'mod sodisfaċenti rrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

5. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż is-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll biex juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru

6. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru li jkun magħmul kif ġej:

Id-Direttur taċ-Ċentru jew delegate, u
3 membri oħra tal-*Istaff* Akkademiku

Il-Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru jista' jsejjaħ membri oħra minn Fakultajiet/Ċentri oħra, li għandhom kwalifiki akkademiċi tad-dottorat, jekk iqis neċessarju.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

7. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li huma taħt is-superviżjoni tagħhom.

8. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

9. (1) Wara 12–il xahar u mhux aktar minn 24 xahar ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport li jiddiskrivi x-xogħol tar-riċerka mwettaq għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat u jkun magħmul minn *chairman*, is-Superviżur Prinċipali u membru akkademiku b'kompetenza fil-qasam.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu l-ewwel jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

10. L-istudenti reġistrati fiċ-Ċentru jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fil-programmi tar-riċerka u tagħlim taċ-Ċentru.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

11. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jażvaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

12. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

13. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

14. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) L-istudenti jistgħu jippubblikaw it-teżi tagħhom kollha jew parti minnha qabel ma jissottomettuha għall-eżami. Dan ix-xogħol ippubblikat jista' mbagħad jiġi nkluż fit-teżi li tiġi mdaħħla għall-eżami, sakemm li dikjarazzjoni dwar dan tiġi nkluża.

(3) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu liċ-Ċentru żewġ kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja elettronika, li għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata t'awtentiċità, fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija taċ-Ċentru. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livell stabbiliti mill-Librerija tal-Università ta' Malta. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.